# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 90/16/1 AF**

**Albert Attard, Henry Attard, Chris Sant, Shaun Arrigo, Rino Muscat Scerri, Emmanuel Micallef, Joseph Casha, John Dalli, Mark Darmanin Kissaun, Smyth Dunbar *li fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016 il-Qorti laqgħet it-talba għal korrezzjoni fl-isem ta' "Smyth Dunbar" li minflok irid jaqra* "Shiela Dunbar Smyth",Trevor Sullivan, Paul Gauci, Paul Cremona, Gordon Mizzi, Alfred Mangion, Peter Gatesy, Jamie Sammut, Norman Mifsud, Matthew Sammut, Philip Grima, Joe Grech u Chris Busuttil**

**v.**

**Awtorità għat-Trasport f' Malta**

**PRELIMINARI:**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Frar 2016 l-atturi talbu li jiġi dikjarat li l-Awtorità għat-Trasport m'għandhiex dritt tiżgombra

jew tipproċedi biex titlob l-iżgombrament tal-jottijiet tagħhom mill-irmiġġi fil-Yacht Marina ta' Ta' Xbiex. Talbu wkoll li jiġi dikjarat li l-irmiġġi huma proprjetà tagħhom u li għalhekk l-Awtorità lanqas għandha jedd tmisshom.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2017 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tagħhom bl-ispejjeż kontrihom.

3. L-atturi ħassewhom aggravati b'tali deċiżjoni u għalhekk fl-1 ta' Novembru 2017 interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassarha u konsegwentement tilqa' t-talbiet tagħhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità konvenuta.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> Ir-rikorrenti huma sidien ta' numru ta' yachts li jorbtu f'Ta' Xbiex Yacht Marina, Ta' Xbiex.
>
> Ir-rikorrenti kienu nghataw kirja jew koncessjoni sabiex jorbtu l-yachts taghhom versu berthing fee ragjonevoli u fissa pagabbli fis-sena. Dan id-dritt ta' rmigg ilu ezistenti ghal numru twil ta' snin.
>
> L-atturi gew avvicinati mill-Awtorità intimata fejn huma gew infurmati illi in vista tal-Avviz Legali 103 tal-2011, Yachting Centres Regulations 2011, huma ghandhom jiffirmaw kuntratt ma' Trasport Malta liema kuntratt gie anness mal-istess ittra. Ir-rikorrent ma qablux mal-

kontenut ta' dak il-kuntratt ghal bosta ragunijiet.

Ir-rikorrenti kienu ghalhekk bdew proceduri ta' natura kostituzzjonali fl-ismijiet Peter sive Rino Muscat Scerri et vs l-Avukat Generali et (Rikors Numru 71/11). Dawn il-proceduri gew decizi favorevolment mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Marzu 2014 u gie dikjarat illi l-esponenti ghandhom dritt kwezit biex jibqghu jirmiggaw f'Ta' Xbiex Yacht Marina.

Però, permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 6 ta' Frar 2015, wara appell da parti tal-Awtorità intimata, dik il-Qorti laqghet l-appell u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

Dawk il-proceduri huma issa pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u ghandhom in-numru 33555/15.

Minhabba din is-sekwenza ta' fatti l-Awtorità intimata ma kienitx qeghda taccetta l-hlas ta' dritt ta' rmigg minghand ir-rikorrenti u ghalhekk din qeghda tigi depozitata l-Qorti.

Fil-frattemp l-Awtorità intimata pprezentat ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 2015 (ittra numru 4129/15) fejn qeghda tintima lill-esponenti illi huma ghandhom inehhu l-yachts taghhom minn Ta' Xbiex Yacht Marina.

Però minn harsa lejn il-ligijiet sussidjarji u allura specjali li hargu wara l-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta jirrizulta illi l-Awtorità m'ghandha l-ebda jedd titlob l-izgumbrament u lanqas tiehu xi mizuri biex tizgombra lir-rikorrenti.

In effetti l-Avviz Legali 103 tal-2011 u cioé Regolamenti dwar ic-Centri ta' Yachting fl-artikolu 4 tieghu jghid illi l-Awtorità intimata ghandha biss "setgha ta' supervizjoni u regolatorji fuq ic-centri ta' yachting kollha li jinsabu fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta".

In oltre l-Avviz Legali 425 tal-2007 kif emendat u cioè Regolamenti dwar l-Irmiggar ta' Bastimenti Zghar u Dghajjes li jitratta r-regolamenti li appuntu jirregolaw l-irmigg tar-rikorrenti imkien ma jsemmi poteri tal-Awtorità li tnehhi jew tmiss yachts. In effetti l-artikolu 8(2) jispecifika li l-Awtorità tista' biss tnehhi l-irmiggi. Fil-kaz tar-rikorrenti però l-irmiggi mhumiex proprjetà tal-Awtorità intimata però proprjetà tar-rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-Awtorità intimata m'ghandha l-ebda jedd li tizgombra jew tipprocedi biex titlob l-izgumbrament tal-yachts tar-rikorrenti mill-irmiggi taghhom minn Ta' Xbiex Yacht Marina.

2. Tiddikjara illi l-irmiggi li juzaw ir-rikorrenti f'Ta' Xbiex Yacht Marina huma proprjetà tar-rikorrenti u konsegwentement tiffikjara illi l-Awtorità intimata lanqas m'ghandha l-jedd tmiss tali irmiggi

u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità intimata li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, kull wiehed mill-atturi ghandu jgib prova tal-interess guridiku tieghu f'din il-kawza u jikkonferma illi ta l-kunsens tieghu biex jissieheb f'din il-procedura.

Fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma vessatorji u bla fondament legali ghaliex *ex admissis* il-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-5 ta' Frar, 2015 li jinvolvi l-istess partijiet [Peter sive Rino Muscat Scerri v Awtorità ghat-Trasport f'Malta et, 71/2011] iddecidiet b'mod finali illi l-atturi ma kellhom ebda "jedd ta' rmigg permanenti" kif kienu qed jippretendu u ikkonfermat illi l-Awtorità esponenti kellha kull dritt illi tesigi illi l-atturi, jekk iridu jkomplu jirmiggaw fil-Marina operata mill-Awtorità esponenti f'Ta' Xbiex, jiffirmaw kuntratt gdid ta' rmigg b'kundizzjonijiet godda [Sentenza annessa bhala Dok. TM 1].

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'referenza ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, l-eccipjenti tirrileva illi dawn bl-ebda mod ma jwaqqfu l-ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija tal-Qorti Kostituzzjonali u, fi kwalunkwe kaz u jkun x'ikun l-ezitu taghhom, ma jistghux jorbtu lill-Awtorità li mhix parti fihom.

Isegwi illi r-rikorrenti m'ghandhomx jedd illi jippretendu illi jibqghu jirmiggaw fil-marina ta' Ta' Xbiex u juzaw il-facilitajiet taghha minghajr ma jiffirmaw kuntratt gdid u filwaqt illi jibqghu ihallsu r-rati vigenti qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 103 tal-2011.

Fid-dawl tas-suespost, l-eccipjenti tinnota illi ghalkemm l-atturi qeghdin jiddepozitaw d-drittijiet ta' rmigg fir-registru tal-Qorti, huma qed jaghmlu dan bir-rati precedenti, u di più qeghdin jirrifjutaw li jiffirmaw il-kuntratt ta' rmigg u b'hekk jassumu l-obbligi li qed titlob l-Awtorità; Ghalhekk l-atturi prezentement qed jokkupaw spazji fil-marina ta' Ta' Xbiex <u>illegalment u abbuzivament</u>.

Ghalhekk, partikolarment fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Awtorità ghandha kull jedd illi titlob u sahansitra twettaq l-izgumbrament tal-bastimenti tal-atturi mill-Marina, kemm taht principji kuntrattwali [fis-sens illi l-atturi qeghdin jokkupaw irmiggi minghajr titolu] kif ukoll in linea mal-poteri amministrattivi tal-Awtorità taht il-Kap 499 talLigijiet ta' Malta, kif se jigi muri fil-mori tal-proceduri.

Ghal kull buon fini, l-Awtorità esponenti tirrileva illi, kif avzati f'numru ta' ittri, inkluz ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru,2015 (Numru 4129/2015 - kopja annessa bhala Dok TM 2), bl-agir abbuziv taghhom li qed jisfida sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-atturi qeghdin ifixklu l-process tal-privatizzar tal-operat tal-marina - dan bi hsara mhux biss ghall-Awtorità izda wkoll ghall-utenti l-ohra li jixtiequ jgawdu mill-izvilupp u tisbih li jista' jsir lill-facilitajiet tal-marina u l-inhawi tal-madwar. F'dan ir-rigward, l-eccipjenti formalment tirriserva kull jedd li ghandha, inkluz li tfittex lill-atturi ghal danni li jkopru mhux biss okkupazzjoni illegali tal-marina, izda wkoll telf ta' *concession fees* u telf ta' investiment.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghad-danni kif fuq spjegat.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddeċiedi u tiddikjara li l-irmiġġi li jagħmlu użu minnhom l-istess atturi f'Ta' Xbiex Yacht Marina huma proprjetà tagħhom u li konsegwentement l-Awtorità intimata m'għandha l-ebda dritt tneħħi dawn l-irmiġġi u lanqas il-jedd li tiżgombra jew tipproċedi biex titlob l-iżgumbrament tal-yachts tal-atturi mill-irmiġġi tagħhom f'Ta' Xbiex Yacht Marina.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi huma lkoll sidien ta' numru ta' yachts li jorbtu f'Ta Xbiex Yacht Marina u ilhom jorbtu hemm għal numru ta' snin. Din il-*yacht marina* hija operata mill-Awtorità intimata. L-atturi kienu ngħataw permess sabiex jorbtu l-*yachts* tagħhom fl-imsemmija marina versu *berthing fee* fissa pagabbli fis-sena u dan skont ir-Regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri tal-Yachting, Avviż Legali 71 tal-1992. Huma jikkontendu li sa ftit snin ilu fuq l-irċevuta kien ikollhom miktub '*contract type: permanent*'. L-ebda rċevuta jew tip ta' kuntratt ma ġew esebiti fl-atti ta' din il-kawża. Dan il-permess kien jinħareġ mill-Awtorità Marittima ta' Malta li llum is-suċċessur tagħha hija l-Awtorità intimata.

Jirriżulta li fis-sena 2011 dawn ir-regolamenti ġew sostitwiti

b'regolamenti ġodda a tenur tal-Avviż Legali 103 tal-2011. L-Awtorità intimata għalhekk baghtet lil kull wieħed mill-atturi kopja ta' kuntratt ġdid sabiex permezz tiegħu jiġu regolati d-drittijiet ta' rmiġġ tagħhom mal-Awtorità. L-atturi rrifjutaw li jiffirmaw dan il-kuntratt għaliex ma qablux mal-kontenut tiegħu, inkluż il-miżata riveduta mitluba mill-Awtorità skont limsemmija regolamenti ġodda.

L-atturi għalhekk ipproċedew billi fetħu kawża kostituzzjonali kontra l-Awtorità intimata fejn talbu lill-Qorti ssib illi ġew leżi ddrittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà. Permezz ta' sentenza datata 6 ta' Frar 2015, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet it-talbiet tal-atturi għaliex ma rriżultalhiex li huma kellhom xi dritt pretiż in kwantu li kien imisshom l-ewwel ressqu l-ilmenti tagħhom quddiem il-Qrati ta' kompetenza ordinarja sabiex tiġi stabbilita l-leġittimità tal-pretensjonijiet tagħhom u ċioè sabiex id-dritt pretiż minnhom jiġi rikonoxxut ġudizzjarjament fid-dawl tad-dissens tal-intimati. Minkejja li in segwitu l-atturi ressqu l-ilmenti tagħhom quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fil-mori tal-kawża tal-lum it-talbiet tagħhom instabu li kienu inammissibbli mill-imsemmija Qorti.

Fil-frattemp, jirriżulta li l-Awtorità intimata waqfet taċċetta l-*berthing fee* mingħand l-atturi b'dan illi l-ammont li l-atturi jgħidu li huwa dovut qiegħed jiġi depożitat minnhom taħt l-awtorità tal-Qorti. L-atturi jikkontendu li l-Awtorità intimata qiegħda tinsisti magħhom li għandhom jiffirmaw il-kuntratt il-ġdid jew jiżgumbraw il-yachts tagħhom mill-irmiġġi in kwistjoni. Madanakollu, huma jsostnu li l-Awtorità intimata m'għandha l-ebda jedd li titlob jew tesegwixxi l-iżgumbrament tal-*yachts* tagħhom u li fi kwalunkwe każ l-irmiġġi in kwistjoni huma proprjetà tagħhom in kwantu li saru minnhom u li għalhekk l-Awtorità intimata lanqas m'għandha dritt titlob l-iżgumbrament tagħhom.

L-Awtorità intimata teċċepixxi preliminarjament illi kull wieħed mill-atturi għandu jġib prova tal-interess ġuridiku tiegħu f'din il-kawża u jikkonferma li ta l-kunsens tiegħu sabiex jissieħeb f'din il-proċedura. Jidher li din l-eċċezzjoni hija llum sorvolata in kwantu li fil-mori tal-kawża l-atturi lkoll ippreżentaw dikjarazzjoni tagħhom fejn iddikjaraw illi huma kienu jgawdu minn dritt ta' irmiġġ tal-*yacht* rispettiva tagħhom u li taw il-kunsens tagħhom sabiex jissieħbu f'din il-kawża.

Fil-mertu, l-argument tal-Awtorità intimata huwa li l-atturi m'għandhom l-ebda jedd li jibqgħu jirmiġġjaw fil-marina ta' Ta' Xbiex mingħajr ma jiffirmaw kuntratt ġdid kif qiegħda titlob l-Awtorità. Hija għalhekk tikkontendi li għandha kull dritt li titlob u twettaq l-iżgumbrament tad-dgħajjes tagħhom in kwantu li qegħdin jokkupaw l-irmiġġ minghajr titolu u li hija għandha l-poteri meħtieġa skont il-liġi sabiex tagħmel dan.

Din il-Qorti tiċċara li permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi mhumiex qegħdin

jitolbu lill-Qorti tistħarreġ il-validità tal-allegat dritt tagħhom li jibqgħu jokkupaw l-irmiġġi *de quo* imma jekk l-Awtorità intimata għandhiex dritt illi tiżgombra l-irmiġġi u *yachts* tagħhom mill-marina taħt il-liġijiet applikabbli. Jirriżulta għaldaqstant illi l-kwistjoni tal-lum hija ta' xejra essenzjalment legali. Din il-Qorti sejra għalhekk tipproċedi billi tirreferi ghal dawk id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi.

L-Awtorità intimata ġiet imwaqqfa u hija regolata permezz tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f' Malta (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta). Skont it-tieni sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Att:

> *"(2) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li:*
>
> *....*
>
> *(h) Tipprojbixxi, tikkontrolla u xort'oħra tirregola –*
>
> *(i) l-użu minn kull persuna ta' kull faċilità ta' trasport, inklużi portijiet u ajrudromi;*
>
> *(ii) il-preżenza ta' kull persuna, inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott, vettura, merkanzija jew oġġetti f'kull faċilità għat-trasport, inkluż port jew ajrudrom;*
>
> *…*
>
> *(k) tneħħi jew tordna li bastiment jitneħħa minn xi rmiġġ, stazzjon jew ankraġġ lejn xi port ieħor, u l-ħin li fih għandu jitneħħa dak il-bastiment, jew li inġenju tal-ajru jitneħħa minn xi post tal-ipparkjar, u l-ħin li fih għandu jitneħħa."*

Fl-istess Att wieħed isib illi l-artikolu 8 ikompli hekk:

> *"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament fir-rigward ta' affarijiet marittimi u tat-trasport marittimu –*
>
> *(n) li tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem ċentri tal-jottijiet u li tmexxi 'l quddiem il-faċilitajiet marittimi ta' Malta."*

Minn dan jidher car li l-Awtorità intimata għandha kull dritt illi titlob u teżegwixxi l-iżgumbrament tal-irmiġġi in kwistjoni dment li dan isir in konformità ma' u għal skopijiet imniżżla fil-liġi. Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jagħmlu riferenza għar-Regolamenti l-ġodda dwar iċ-Ċentri tal-Yachting (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.10 promulgati permezz tal-Avviż Legali 103 tal-2011). Madanakollu, din il-Qorti tqis illi fil-maġġor parti dawn mhumiex rilevanti għall-kwistjoni tal-lum in kwantu li r-Regolament numru 4 li jiċċitaw l-atturi jitkellem dwar is-setgħat superviżorji u regolatorji tal-Awtorità fuq iċ-ċentri tal-yachting kollha ta' Malta. Fil-każ tal-lum, l-Awtorità qiegħda taqdi l-funjonzijiet

ta' operatur tat-Ta' Xbiex Yacht Marina u mhux sempliċiment il-funzjoni ta' awtorità regolatriċi.

Huwa r-Regolament numru 9 li huwa applikabbli għall-każ. Dan jipprovdi, *inter alia,* li operaturi ta' ċentri ta' yachting huma responsabbli '*għat-tmexxija ġenerali, kontroll u l-bonordni taċ-ċentru tal-yachting.'* Din il-Qorti ma ssib xejn xi jwaqqaf lill-Awtorità intimata milli, bħala l-operatur taċ-ċentru tal-yachting in kwistjoni, titlob l-iżgumbrament ta' irmiġġi u yachts in kwistjoni, dejjem dment li dan isir skont il-liġi.

Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jikkontendu li *se mai* huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li għandu l-poter skont il-liġi sabiex jitlob u jeżegwixxi l-iżgumbrament tal-irmiġġi tagħhom. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mat-teżi attriċi. Il-Kap. 169 li minnu jiccitaw l-atturi japplika għall-proprjetà immobbli.

Il-każ tal-lum ma jirrigwardax proprjetà immobbli imma irmiġġi u dgħajjes fil-baħar. Lanqas qiegħed jingħad illi l-Awtorità intimata għandha dritt li toħroġ u teżegwixxi ordni ta' żgumbrament skont il-Kap. 228 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex s'hemmhekk il-Qorti taqbel mal-atturi li dan huwa dritt li l-liġi tikkonċedi lill-Kummissarju tal-Artijiet u mhux kwalunkwe entità governattiva.

Li qiegħda tgħid il-Qorti huwa li f'dan il-każ, ma hemm xejn xi jwaqqaf lill-Awtorità milli tipproċedi legalment sabiex titlob u teżegwixxi l-iżgumbrament tal-irmiġġi u dgħajjes tal-atturi skont id-disposizzjonijiet tal-liġi citati, li jaghtuha dan il-poter bħala l-Awtorità responsabbli mill-ibħra Maltin, kif ukoll, f'dan il-każ, bħala l-operatur taċ-ċentru tal-*yachting* in kwistjoni.

L-atturi jikkontendu wkoll illi l-Awtorità intimata m'għandha l-ebda dritt tneħħi l-irmiġġi in kwistjoni għaliex dawn saru minn u huma l-proprjetà tas-sidien tal-*yachts* rispettivi. Dwar dan, il-Qorti tibda billi tirrileva li kien biss l-attur Peter Muscat Scerri li ddikjara fl-affidavit tiegħu li l-ħbula tal-irmiġġ fejn jorbot il-yacht tiegħu saru minnu u li huma għalhekk proprjetà tiegħu. Minkejja li jiftaħ l-affidavit tiegħu billi jgħid illi l-fatti hemm spjegati huma komuni għall-atturi kollha, l-ebda wieħed mill-atturi l-oħra ma kkonferma bil-ġurament tiegħu li qegħdin jaqblu mal-kontenut tiegħu.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti ssib illi l-argument li l-irmiġġi ma jistgħux jintmissu mill-Awtorità intimata għaliex huma proprjetà tas-sidien tal-yachts rispettivi huwa wieħed infondat u saħansitra assurd. Hawnhekk mhuwiex jingħad illi l-Awtorità ser tikkonfiska jew iżżomm għaliha dawn l-irmiġġi. Il-fatt illi jista' jkun li l-irmiġġi nfushom jappartjenu lill-atturi ma jfissirx li l-Awtorità m'għandhiex dritt tiżgumbrahom f'każ illi jirriżulta li dawn ikunu qegħdin jokkupaw il-yacht marina mingħajr l-ebda dritt. Bniedem ma jqiegħedx l-affarijiet tiegħu fil-pproprjetà ta'

> ħaddieħor u jippretendi li ħadd m'għandu dritt jitlob l-iżgubrament tagħhom għaliex huma tiegħu. Kif sewwa tissottometti l-Awtorità intimata, fl-agħar ipoteżi ifisser li hija tista' titlob li jiġu żgumbrati mill-marina bl-irmiġġi b'kollox.
>
> Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Rikors tal-appell tal-atturi (01.11.2017):**

5. L-atturi appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi għaliex jgħidu li l-ebda wieħed mill-artikoli tal-liġi ċitati minnha ma jawtorizzaw lill-Awtorità konvenuta li tiżgombra jew tipproċedi biex titlob l-iżgombrament ta' jottijiet.

**Risposta tal-appell tal-Awtorità konvenuta (23.11.2017):**

6. L-Awtorità konvenuta wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-appell tal-atturi jistħoqqlu li jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Sfond legali u fattwali:**

7. Permezz tal-Att XVII tal-1991 **(Att tal-1991 dwar l-Awtorità**

**Marittima ta' Malta)** ġiet imwaqqfa l-Awtorità Marittima ta' Malta. L-Artikolu 8 ta' dan l-Att jipprovdi li l-Awtorità Marittima ta' Malta għandha taħtar mhux iktar minn erba' diretturi eżekuttivi:

> *"…li minnhom wieħed ikun responsabbli għal bastimenti merkantili, ieħor għall-portijiet, u ieħor għal ċentri dwar yachting…"*

8. Fl-1992 daħlu fis-seħħ ir-**Regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri tal-Yachting**[1] **(A.L. 71 tal-1992).** Permezz ta' tali regolamenti ġew indikati erba' (4) ċentri tal-*yachting*, *ossia* f' Ta' Xbiex (li jinkludi Manoel Island, id-Daħla ta' Lazzarett, u l-Gżira), fl-Imsida (li jinkludi l-Pieta`), f'tas-Sliema (li jinkludi Tigne`), u fl-Imġarr, (Għawdex). Dawn ir-Regolamenti jirregolaw il-faċilitajiet tal-irmiġġ provduti mill-Awtorità Marittima f'dawn iċ-Ċentri tal-*Yachting*, inkluż il-kundizzjonijiet relattivi għall-użu tagħhom. Hekk per eżempju, isir aċċenn għas-segwenti regolamenti:

Regolament 6(1)

> *"Il-yachts għandhom jirmiġġjaw jew jankraw jew jibdlu l-irmiġġ f' ċentru ta' yachting, kif, fejn u meta ordnati mid-Direttur Eżekuttiv."*

Regolament 20

> *"Għandu jitħallas bil-quddiem lid-Direttur Eżekuttiv dwar kull yacht li jirmiġġja jew jankra f' ċentru ta' yachting dritt kif speċifikat fl-iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti."*

[1] B'dawn ir-regolamenti ġew revokati r-**Regolamenti tal-1967 dwar iċ-Ċentru tal-Yachting**

9. Permezz tal-Att XV tal-2009 **(Att Dwar l-Awtorità għat-Trasport f' Malta, Kapitolu 499)** twaqqfet l-Awtorità għat-Trasport f' Malta li *inter alia* assumiet il-funzjonijiet li qabel kienet teżerċita l-Awtorità Marittima ta' Malta.

10. Fl-2011 daħlu fis-seħħ ir-**Regolamenti dwar iċ-Ċentri ta' Yachting**[2] **(A.L. 103 tal-2011).** Fost it-tifsiriet elenkati fir-Regolament 2, hemm spjegat li:

> *"ċentru ta' yachting" tfisser kull żona fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta li hija primarjament maħsuba, organizzata u mgħammra b'faċilitajiet u użata għall-berthing u l-irmiġġ ta' yachts, u għandha tinkludi wkoll marina, kemm ta' xorta temporanja kif ukoll ta' xorta permanenti;*
>
> *"operatur ta' ċentru ta' yachting" tfisser il-persuna awtorizzata mill-Awtorita` jew mill-Ministru sabiex tħaddem u tmexxi ċentru ta' yachting."*

Ir-Regolament 11 jipprovdi li kull operatur taċ-ċentru tal-*yachting* għandu jippubblika u jżomm aġġornati ir-regoli u t-tariffi applikabbli għall-użu tal-faċilitajiet taċ-ċentru tal-*yachting* u li dawn għandhom ikunu komunikati lil kull persuna, *yacht* u opra tal-baħar oħra li jużaw il-faċilitajiet taċ-ċentru tal-*yachting*; ir-Regolament 4 jipprovdi li l-Awtorità għandha setgħat ta' superviżjoni u regolatorji fuq iċ-ċentri ta' *yachting* kollha li jinsabu fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta.

[2] B'dawn ir-regolamenti ġew revokati r-**Regolamenti tal-1992 dwar iċ-Ċentri tal-Yachting.**

11. Fix-xiehda tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016, **Robert Vassallo** (*Senior Manager, Legal EU & International Affairs* fi ħdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting mal-Awtorità għat-Trasport f' Malta) ikkonferma kif l-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta hija suċċessur tal-Awtorità Marittima ta' Malta, fejn fost affarijiet oħra kienet topera l-*yacht marinas*. Spjega li kienu ġew privatizzati diversi *yacht marinas*, u li kien għalhekk li saru r-Regolamenti tal-2011 fejn ġie rikonoxxut li l-*yacht marinas* jiġu operati minn operatur privat "*li kellu d-dritt jimponi l-fees tiegħu eċċ*". Qal fil-każ tal-*yacht marina* ta' Gżira Gardens (Ta' Xbiex) li baqgħet ma ġietx privatizzata, ir-Regolamenti tal-2011 "*japplikaw ukoll għall-Awtorita` peress li Gżira Gardens għadha f' idejn l-Awtorita`*" (ovvjament bħala suċċessur ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta).

12. Kompla jgħid li fl-2011 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (bħala operatur) avviċinat il-*berth holders* tal-*yacht marina* ta' Gżira Gardens b'kuntratt ta' rmiġġ u tariffi ġodda, iżda dan ma ġiex iffirmat minn numru ta' *berth holders*. Qal li dawn baqgħu jiddepożitaw ir-rata ta' rmiġġ l-antika fil-Qorti u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta minn żmien għal żmien tibqa' tibgħat lill-utenti "*statement of account skont ir-rati l-ġodda*."

13. Fis-7 ta' Marzu 2017 xehed **Conrad Muscat** (*Commercial Manager* mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta). Spjega li kien involut fil-proċess tal-privatizzazzjoni tal-*yacht marina* tal-Gżira. Qal li l-proċess beda xi sena u

nofs qabel, u fiż-żmien li xehed qal li *"l-marina hija managed bħalissa mill-Awtorita` kif dejjem kienet."* Qal li l-proċess ta' privatizzazzjoni ġie mfixkel minħabba din il-kawża u kawżi oħra li għamlu l-*berth holders*. Huwa ppreżenta Dok CM1 li juri t-tariffi tal-*yacht marina* ta' Gżira Gardens (dawk antiki tal-2011 u dawk ġodda tal-2012) u wkoll Dok CM2 u CM3 li juri t-tariffi tal-*yacht marinas* tal-Port il-Kbir u tal-Kalkara rispettivament, li huma operati minn entitajiet privati. Spjega li fir-rigward tal-*yacht marina* tal-Gżira Gardens jinsab infurmat li qegħdin jiġu depożitati fil-Qorti t-tariffi l-antiki tal-2011.

**<u>Is-sentenza appellata:</u>**

14. L-Ewwel Qorti qieset li l-atturi (*berth holders* fil-*yacht marina* ta' Gżira Gardens, ġewwa Ta' Xbiex) qegħdin jikkontendu li l-Awtorità konvenuta qiegħda tinsisti magħhom li jiffirmaw kuntratt ġdid jew inkella ineħħu l-jottijiet tagħhom mill-*yacht marina* fejn jinsabu. Fil-fatt fl-ittra uffiċjali datata 2 ta' Diċembru 2015 (4129/15)[3] l-Awtorità konvenuta avżat lill-atturi li:

> *"fin-nuqqas illi, fi żmien ġimgħa mid-data ta' din l-ittra, tiffirmaw il-ftehim b'termini u kundizzjonijiet viġenti u li tħallsu l-ammonti tassew dovuti skont ir-rati applikabbli, il-mittenti sejra teżerċita d-drittijiet u r-rimedji mogħtija lilha bil-liġi inkluż l-iżgumbrar tal-bastimenti tagħkom mill-marina."*

---

[3] Fol 34 *et seq*

15. L-Ewwel Qorti qieset li permezz ta' din l-azzjoni l-atturi m'humiex qiegħdin jitolbuha tistħarreġ il-validità tal-allegat dritt tagħhom li jibqgħu jokkupaw l-irmiġġi *de quo*, imma jekk l-Awtorità konvenuta għandhiex id-dritt li tiżgombra l-irmiġġi u l-*yachts* tagħhom mill-*yacht marina* taħt il-liġijiet applikabbli.

16. L-Ewwel Qorti qieset li mill-**Artikolu 6(2)(h)(i)(ii) u (k)** u mill-**Artikolu 8(n) tal-Kapitolu 499** jidher ċar li "l-*Awtorita` konvenuta għandha kull dritt li titlob u tesegwixxi l-iżgumbrament tal-irmiġġi in kwistjoni diment li dan isir in konformita` ma' u għal skopijiet imniżżla fil-liġi."*

17. Qieset ukoll li kien applikabli r-**Regolament 9 tal-A.L. 103 tal-2011** li jipprovdi li l-operaturi taċ-ċentri tal-*yachting* huma responsabbli għat-"*tmexxija ġenerali, kontroll u l-bonordni taċ-ċentru tal-yachting."* Qalet li ma ssib li hemm xejn li jwaqqaf lill-Awtorità konvenuta bħala operatur taċ-ċentru tal-*yachting* in kwistjoni milli titlob l-iżgombrament tal-irmiġġi u tal-jottijiet tal-atturi, diment li dan isir skont il-liġi.

18. Żiedet tgħid li l-fatt li jista' jkun li l-irmiġġi infushom ikunu proprjetà tal-atturi ma jfissirx li l-Awtorità konvenuta m'għandhiex dritt tiżgombrahom f' każ li jirriżulta li dawn qegħdin jokkupaw il-*yacht marina* mingħajr dritt. Irriteniet li kif issottomettiet l-Awtorità, fl-agħar ipotesi

għaliha hija tista' titlob li l-jottijiet jiġu żgombrati mill-*yacht marina* bl-irmiġġi b'kollox.

**Il-gravam tal-Awtorità appellata:**

19. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravju tal-atturi appellanti jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra l-gravam imqajjem mill-Awtorità appellata dwar l-allegat nuqqas ta' interess, l-interess ġuridiku ta' tlieta mill-atturi: Shawn Arrigo, Matthew Sammut, u Chris Sant. L-Awtorità tgħid li minkejja li isimhom jidher fost l-ismijiet tal-atturi appellanti, dawn m'għadhomx utenti tal-irmiġġi fil-marina in kwistjoni u għalhekk m'għandhomx l-interess ġuridiku biex isostnu l-appell.

20. Din il-Qorti tosserva li wara li l-Awtorità kienet eċċepiet li kull wieħed mill-atturi kellu jġib prova tal-interess ġuridiku tiegħu fil-kawża, fil-fatt hekk sar, għaliex l-atturi kollha kienu ppreżentaw dikjarazzjoni li kienu jgawdu minn dritt ta' irmiġġ tal-*yacht* rispettiva tagħhom u li taw il-kunsens sabiex jissieħbu f'din il-kawża.

21. Issa għalkemm l-Awtorità konvenuta appellata qiegħda ssostni li l-atturi Shawn Arrigo, Matthew Sammut, u Chris Sant m'għadhomx utenti tal-irmiġġi fil-marina in kwistjoni, hija ma ressqet l-ebda prova fir-rigward. Bħala operatur tal-*yacht marina* in kwistjoni ċertament li hija f'pożizzjoni

li tipprova dak allegat minnha, iżda m'għamlet l-ebda talba quddiem din il-Qorti sabiex tiġi awtorizzata tagħmel dan. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tiċħad l-appell fir-rigward ta' dawn it-tliet atturi abbażi tal-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku, kif tippretendi l-Awtorità.

**L-aggravji tal-atturi appellanti:**

22. Għalkemm l-atturi appellanti talbu lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u "*tilqa' t-talbiet attriċi*", ċjoè kemm l-ewwel (i) kif ukoll it-tieni (ii) talba, l-aggravju tagħhom jirrigwarda biss il-kunsiderazzjonijiet (skont huma żbaljati) li wasslu lill-Ewwel Qorti tiċħad l-ewwel (i) talba attriċi, *ossia* biex jiġi dikjarat li mill-Artikoli 6 u 8 tal-Kapitolu 499 u mir-Regolament 9 tal-A.L. 103 tal-2011 ma jirriżultax li l-Awtorità għandha dritt tiżgombra jew tipproċedi għall-iżgombrament tal-jottijiet tagħhom.

23. Din il-Qorti għalhekk ser tillimita ruħha biex tqis biss dan l-aggravju tagħhom u allura ser tgħaddi biex tqis dawk il-provvedimenti legali li rreferiet għalihom l-Ewwel Qorti, li qiegħda tiġborhom kif isegwi:

**i) Il-provvedimenti taħt il-Kapitolu 499 li jirrigwardaw lill-Awtorità bħala AWTORITÀ REGOLATORJA:**

- L-Artikolu **6(2)** tal-Kapitolu 499:

*"L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li:*
*…*

***(h)** tipprojbixxi, tikkontrolla u xort'oħra tirregola –*

*(i) l-użu minn kull persuna ta' kull faċilità ta' trasport, inklużi portijiet u ajrudromi;*

*(ii) il-preżenza ta' kull persuna, inġenju tal-ajru, bastiment, dgħajsa, jott, vettura, merkanzija jew oġġetti f'kull faċilità għat-trasport, inkluż port jew ajrudrom;*
*…*

***(k)** tneħħi jew tordna li bastiment jitneħħa minn xi rmiġġ, stazzjon jew ankraġġ lejn xi port ieħor, u l-ħin li fih għandu jitneħħa dak il-bastiment, jew li inġenju tal-ajru jitneħħa minn xi post tal-ipparkjar, u l-ħin li fihgħandu jitneħħa."*

- L-Artikolu **8** tal-Kap 499:

*"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament fir-rigward ta' affarijiet marittimi u tat-trasport marittimu –*

*…*

***(n)** li tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem ċentri tal-jottijiet u li tmexxi 'l quddiem il-faċilitajiet marittimi ta' Malta."*

24. Issa fir-rigward tal-**Artikolu 6(2)**, l-atturi appellanti jargumentaw li l-uniku paragrafu li jista' jkun rilevanti huwa l-paragrafu (sub-inċiż) **(k)** li jirrigwarda t-tneħħija ta' bastimenti. Huma però jargumentaw li huma biss vapuri ta' ċertu kobor li jitqiesu bħala "bastimenti", u mhux jottijiet. Din il-Qorti ma ssibx li għandhom raġun. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 499, li jelenka t-tifsiriet għall-finijiet ta' tali Kapitolu, fil-fatt jiddefinixxi jott bħala bastiment:

*""jott" tfisser bastiment li jbaħħar użat biss għad-divertiment u hekk*

*aċċettat mill-Awtorità";*

25. Għalhekk filwaqt li mhux kull bastiment huwa "jott", ċertament li kull "jott" huwa bastiment, kif tajjeb targumenta l-Awtorità konvenuta appellata. Isegwi li l-Artikolu 6(2)(k) jagħti lill-Awtorità s-setgħa li tneħħi jew tordna t-tneħħija ta' bastimenti (<u>inkluż jottijiet</u>) minn irmiġġ, stazzjon, jew ankraġġ lejn xi port ieħor. "*Port*" skont l-Artikolu 2 ta' dan l-att huwa definit bħala "*post dikjarat bħala port minn jew taħt kull liġi, u <u>tista' tinkludi ċentru tal-jottijiet</u> kemm-il darba jkun dikjarat li hu hekk taħt dan l-Att jew xi liġi oħra*" - fatt li jkompli jikkonferma kemm m'humiex esklużi l-jottijiet taħt dan is-sub-inċiż.

26. Issa għalkemm fir-rigward tal-**<u>Artikolu 6(2)(h)</u>** l-atturi appellanti ma jgħidu xejn, din il-Qorti hija tal-fehma li s-sub-inċiż **<u>(ii)</u>** ukoll jikkontempla t-tneħħija ta' jottijiet, ladarba jagħti lill-Awtorità is-setgħa li "*tipprojbixxi, tikkontrolla u xort' oħra tirregola l-preżenza ta' kull…jott…f'kull faċilita` għat-trasport, inkluż port…"*

27. Għaldaqstant jidher li kemm taħt l-**Artikolu 6(2)(h)(ii)** u kif ukoll taħt l-**Artikolu 6(2)(k)** l-Awtorità konvenuta bħala awtorità regolatriċi għandha s-setgħa li tiżgombra il-jottijiet tal-atturi.

28. Issa taħt l-istess Kap 499 hemm l-**<u>Artikolu 8(n)</u>** li jagħti lill-Awtorità

konvenuta s-setgħa u l-funzjoni li "*tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem ċentri tal-jottijiet*". L-atturi appellanti jargumentaw li imkien ma jissemma l-iżgombrament tal-jottijiet f'dan is-sub-inċiż. Dan huwa minnu iżda dan is-sub-inċiż għandu jinqara fil-kuntest ta' dak li għadu kemm ingħad dwar l-Artikolu 6 tal-istess Kap 499, u għalhekk abbażi tal-Artikolu 6 l-Awtorità konvenuta għandha s-setgħa li tneħħi jottijiet miċ-ċentri tal-*yachting* li hija tkun qiegħda tirregola, tikkontrolla, tiżviluppa u tmexxi 'l quddiem fit-termini tal-Artikolu 8.

**ii) Il-provvediment taħt l-A.L.103 tal-2011 li jirrigwarda lill-Awtorità konvenuta bħala OPERATUR ta' ċentru tal-*yachting*:**

- Regolament **9(2)(a)** tal-A.L.103 tal-2011 :

> *"(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi jew regolamenti oħra, operaturi ta' ċentri ta' yachting huma responsabbli:*
>
> *(a) għat-tmexxija ġenerali, kontroll u l-bonordni taċ-ċentru ta' yachting;*
>
> *…"*

29. Issa kwantu għar-**Regolament 9(2)(a) tal-A.L.103 tal-2011** l-Ewwel Qorti rriżultalha li bħala operatur tal-*yacht marina* in kwistjoni (Gżira Gardens, Ta' Xbiex) l-Awtorità konvenuta tista' titlob l-iżgombrament ta' irmiġġi u jottijiet.

30. L-atturi appellanti jargumentaw li dan ir-regolament sempliċiment

isemmi t-tmexxija in ġenerali, kontroll u buonordni taċ-ċentru tal-*yachting* u jsostnu li tkun qiegħda tingħata tifsira wiesgħa ħafna jekk jitqies li l-poteri tal-Awtorità appellata huma bla limitu.

31. Din il-Qorti ssib li għandhom raġun sa ċertu punt. Dan ir-regolament ma jagħtix lill-operaturi taċ-ċentri tal-*yachting* is-setgħa li jaqbdu u jneħħu l-jottijiet mill-istess ċentri; *se mai* f'każ ta' disgwid l-operaturi jridu jipproċedu legalment u jitolbu li s-sidien tal-jottijiet jiġu ordnati jneħħu l-jottijiet rispettivi tagħhom. Għalhekk l-Awtorità konvenuta bħala operatur tal-*yacht marina* in kwistjoni, ma tistax awtomatikament taqbad u tneħħi l-jottijiet, iżda *essendo* l-Awtorità konvenuta ukoll Awtorità regolatriċi, tista' effettivament tagħmel dan bis-setgħa mogħtija lilha taħt il-Kap 499, għar-raġunijiet li din il-Qorti appena spjegat fil-paragrafi preċedenti.

32. L-atturi appellanti finalment jargumentaw li hija biss l-Awtorità tal-Artijiet li tista' titqies li għandha dritt tiżgombra persuni minn art pubblika fejn il-liġi tikkontempla proċeduri kif dan isir. Tenfasizza li qatt ma kien hemm trasferiment ta' drittijiet fuq art pubblika mill-Awtorità tal-Artijiet lill-Awtorità appellata. Iżda hawnhekk ukoll m'għandhomx raġun.

33. Kif irriteniet l-Ewwel Qorti, il-Kapitolu 169[4] (l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet) li ċċitaw minnu l-atturi japplika għal proprjetà immobbli, u l-każ tal-lum ma jirrigwardax proprjetà immobbli iżda irmiġġi u jottijiet fil-baħar. Irriteniet ukoll li lanqas ma qiegħed jingħad li l-Awtorità konvenuta għandha dritt li toħroġ u tesegwixxi ordni ta' żgumbrament taħt il-Kapitolu 228[5] (Att dwar Żgumbrament ta' Artijiet) fejn f' dak il-każ taqbel mal-atturi li tali żgumbrament huwa dritt konċess lill-Kummissarju tal-Artijiet taħt l-istess Kapitolu, u mhux lil kwalunkwe entità.

**<u>Konklużjoni:</u>**

34. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-ewwel talba tal-atturi li taqra hekk:

> *"Tiddikjara illi l-Awtorita` intimata m'għandha l-ebda jedd li tiżgombra jew tipproċedi biex titlob l-iżgombrament tal-yachts tar-rikorrenti mill-irmiġġi tagħhom minn Ta' Xbiex Yacht Marina."*

għandu jiġi ppreċiżat li din it-talba għandha tiġi miċħuda proprju għaliex l-Awtorità fil-fatt għandha "***jedd li tiżgombra***" l-*yachts*; mhux il-każ li jiġi kkunsidrat għandhiex ukoll il-"***jedd li titlob l-iżgombrament"*** għaliex dan mhux neċessarju ladarba għandha s-setgħa li taqbad u tiżgombra l-*yachts* mingħajr il-bżonn li tipproċedi legalment u tagħmel talba quddiem il-Qorti fir-rigward.

---

4 Imħassar bl-Att XVII (2017)
5 Imħassar bl-Att XVII (2017)

**DECIDE:**

35. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sens hawn deċiż.

36. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da